# Il-Leġġenda ta' San Ġużepp ta' Patri Ġużè Delia S.J.

**Riflessjonijiet, Ħsibijiet u Kummenti minn Joe Flask**

**Nota Editorjali**

*Bħalma ktibt aktar qabel f'sommarju dwar leġġenda oħra, San Ġużepp, bid-devozzjoni kbira lejh, ma naqasx milli jkun għajn ta' ispirazzjoni għal diversi poeti, biex bi vrushom ifaħħruh u jtuh il-qima li tistħoqqlu. Din id-darba għandna kitba ta' Patri Ġużè Delia, magħrufa u milqugħa tajjeb minn bosta. F'din l-analiżi, Joe Flask, mhux biss jintroduċina mal-Leġġenda ta' Delia, iżda jittratta gruppi ta' strofi fil-kuntest tal-ħajja konsumista u mgħaġġla tal-lum il-ġurnata. Wieħed ma jistax ukoll ma jħossx nostalġija kbira għal żminijiet aktar kwieti, kemm fil-poeżija ta' Patri Ġużè Delia u xejn anqas fil-kitba tal-artiklu.*



## Daħla

Ilqajt bi pjaċir l-istedina tal-ħabib tiegħi Angelo Schembri, biex nikteb fuq il-"Leġġenda ta' San Ġużepp" għaliex hija għall-qalbu ħafna, daqs kemm hija għall-qalbi. Filwaqt li nroddlu ħajr, nistqarr, li din il-Leġġenda, meqjusa bħala ewlenija fost il-leġġendi li ħarġu mill-pinna ta' Patri Ġużè Delia, Ġiżwita, għandha tkun għall-qalb id-devoti kollha tal-Qaddis Patrijarka San Ġużepp, il-Patrun u t-Tarka tagħna speċjalment waqt il-mumenti l-iktar diffiċli u gravi ta' ħajjitna. Tul is-snin, offriet spunt għal diskussjonijiet, diskorsi u kitbiet u kienet ippubblikata bosta drabi.

Snin ilu, sabet postha u dehret għall-ewwel darba f'pubblikazzjoni tas-Soċjetà Mużikali San Ġużepp ta' Ħal Kirkop, fil-Ktieb Kommemorattiv miktub minn John M. Cassar fl-1978, fl-okkażjoni ta' għeluq iċ-Ċentinarju tal-Fratellanza ta' San Ġużepp.[1] Fuq proposta tal-Kittieb u Poeta prolifiku Żebbuġi, is-Sur Emmanuel F.Attard, is-sena li għaddiet, ġiet pubblikata fil-Programm tal-Festa u l-Edizzjoni Speċjali tal-150 Anniversarju mit-twaqqif tal-Banda De Rohan ta'Ħaż-Żebbuġ.[2]

Nistqarr sinċerament, li jiena u nerġa' naqraha, komplejt nissaħħar warajha u saħħaħt iktar fehemti li tkun ħaġa f'waqtha jekk nagħmel xi riflessjonijiet fuqha u nikkummenta dwar il-ħsieb li Patri Delia irnexxilu jsawwar tant tajjeb, taħt forma poetika. Qabel ma nidħol sewwa fis-suġġett se nikteb fuq fuq dwar l-Awtur ta' din il-Leġġenda.

## Patri Ġużè Delia S. J.



Bin Francesco u Giuseppina xebba Camilleri, twieled is-Siġġiewi, nhar l-1 ta' April 1900. Malli kiseb il-Matrikola, fl-1917, issieħeb mal-Kumpannija ta' Ġesù (popolarment magħrufin bħala Ġiżwiti). Fi tmiem in-Novizzjat, beda l-mixja tiegħu lejn is-Saċerdozju billi ntbgħat jistudja l-Ilsna Klassiċi u l-Letteratura f'Bagheria-Palermo, fi Sqallija, fejn beda wkoll l-istudju tal-Filosofija. Wara sentejn oħra Filosofija fi Granada-Spanja, kompla bl-istudju tat-Teoloġija f'Milltown Park f'Dublin l-Irlanda, sakemm kien ordnat Saċerdot fit-30 ta' Lulju 1930. Fi ħdan il-Kumpanija ta' Ġesù, għallem fil-Kulleġġ San Alwiġi, kien Mastru tan-Novizzi, Direttur Spiritwali u diversi drabi Patri Superjur. Iżda, l-iktar li jibqa' jissemma': għaliex Patri Ġużè, kien strumentali biex twaqqfet il-Provinċja Maltija tal-Kumpanija ta' Ġesù, li tagħha sar l-ewwel Provinċjal, bejn l-1947 u l-1953.

Huwa kien kittieb prolifiku sa minn meta kellu 22 sena. Għall-ewwel beda jikteb bl-Ingliż, imma kiteb ukoll bit-Taljan u bl-Ispanjol, bil-Grieg u bil-Latin. Kienu bosta l-oqsma letterarji, taħt diversi forom u xejriet, iżda, il-Poeżija kienet għal qalbu ħafna. Fost l-ewwel kitbiet tiegħu insibu poeżija f'ġieħ il-Fundatur tal-Ġiżwiti, San Injazju minn Loyola. Kiteb ukoll l-Innu tal-

Ħaddiema Maltin, immużikat minn Patri Albert Borg O.S.A.[3]

Patri Ġ. Delia SJ, miet nhar id-29 ta' Settembru, 1980.[4] F'dan it-tagħrif, fuq fuq, dwar P. Delia, żgur ma kienx possibbli nikteb dwar ix-xogħolijiet letterarji u poetiċi tiegħu, u għalhekk se ntarraf biss ħsieb qasir ħafna fuq is-sbatax il-Leġġenda[5], li dan il-Patri Ġiżwita kiteb f'versi, bejn l-1964 u l-1980.

Filwaqt li nagħlaq dan il-qaws, ippermettuli nesprimi l-ħsieb tiegħi, billi nislet dak li qal f'dan ir-rigward, l-ex Ministru Dr. Louis Galea, f'diskors li għamel dak in-nhar tal-kxif tal-Monument f'ġieħ Patri Ġ.Delia SJ, fis-Siġġiewi: "Forsi l-ikbar kontribut tiegħu għal-Letteratura Maltija, kien il-qasam tal-leġġendi. Hu magħruf l-aktar bħala l-Poeta tal-Leġġendi. Leġġenda hija storja li għandha bażi storika u li magħha jiżdiedu wkoll elementi fantastiċi, immaġinattivi. Delia ried jgħallem u jagħti pjaċir billi jirrakkonta. Delia jagħlaq il-leġġendi b'tagħlima. Għal-leġġendi hu jagħżel strofi ta' erba' versi, bir-rima. Rakkontatur bil-versi, qisu l-għannej folkloristiku imma bi skop morali, reliġjuż. Delia stess jgħidilna: *"Il-poeta għandu dejjem xi messaġġ x'jagħti. Hu l-ħâbbar ta' dak kollu li hu sabiħ u tajjeb u sewwa u qaddis...(il-leġġendi) ktibthom għal żewġ skopijiet: a) nuri l-ġmiel tal-kelma Maltija u nġiegħel lil min jaqrahom iħobb il-Malti u jintebaħ kemm hu sabiħ fis-sempliċità tiegħu meta wieħed jaf iħaddmu kif jixraq; b) niġbed minnhom tagħlima morali u reliġjuża, li tkun ta' ġid, ta' fejda lil min jaqrahom."*[6]

## Il-Leġġenda ta' San Ġużepp

Mhux se nidħol fil-mertu jekk hux l-ewwel (E.F.Attard) jew it-tieni (T.Vella Zarb) leġġenda, li kiteb Patri Delia, imma tajjeb ngħid li, l-Awtur, tnebbaħ minn ħrafa popolari ħafna fost id-devoti ta' San Ġużepp, magħrufa sewwa anki barra minn Malta bħal Sqallija, l-Estonja, ir-Russja kif ukoll fost il-Franċiżi u l-Ispanjoli tal-Amerika.[7] Id-devoti ta' dan il-Qaddis minn dejjem kellhom garanzija li wara mewthom se jmorru l-Ġenna.

Mela! Skont il-Leġġenda, l-Anġli Għassiesa[8], kienu ilhom jinnutaw erwieħ li żgur ma kienux daħlu mill-Bibien Ġawhrin tal-Ġenna. Għaldaqstant, bdew jistaqsu u fl-istess ħin jiċċekkjaw ma'xulxin ħalli jaraw min, u minn fejn u kif, kien qiegħed idaħħal fil-Ġenna dawn l-erwieħ. Qatgħuha li jsaħħu l-għassa ma' kull rokna tal-Ġenna. Lejl minnhom, fuq wieħed mis-swar, lemħu dell jixbah lil ta' raġel, imgeżwer f'mantar iswed u bil-barnuża mtella', donnu qed jgħin lil xi ħadd (ruħ) jaqbeż minn fuq iċ-ċint għal ġewwa. Dlonk, tnejn mill-Anġli, ittajru, u qabżu fuq din il-persuna, filwaqt li qalu: "Issa qbadniek fil-fatt! inża' l-barnuża, uri wiċċek!". Mistagħġba, indunaw li kien San Ġużepp!




**Is-Sena li għaddiet din il-Leġġenda ta' San Ġużepp ġiet ippublikata f'għamla ta' ktieb għat-tfal b'kitba tas-Sur Andrew Borg**

Mifxulin għall-aħħar, l-Anġli sejħu lill-Anġli Għassiesa l-oħrajn u wara diskussjoni mqanqla iddeċidew li jixlu lil San Ġużepp bi tradiment u jgħadduh ġuri. Wasal il-jum mistenni u San Ġużepp deher quddiem l-Anġlu Kap u Prosekutur li staqsieh mill-ewwel jekk kienx hu, li kien qed idaħħal l-erwieħ fil-Ġenna bil-moħbi. San Ġużepp, ovvjament, ammetta l-ħtija. Is-sentenza, kienet unanima u kategorika: tkeċċija mill-Ġenna. San Ġużepp, baxxa rasu u b'umiltà, aċċetta is-sentenza. Madankollu, talab u qal: "Jiena lest li nħalli l-Ġenna, iżda, miegħi se jkolli nieħu lill-Marti u lill-Ibni". L-Anġli tfanstu u ħosbiena wieġbu: "Le, ma tiħux lill-Ibnek miegħek, ma jistax ikun, għax mingħajru ma jkunx hemm iktar Ġenna! Allura, aħjar tibqa' hawn u tkompli tidħol għall-erwieħ devoti tiegħek bħalma dejjem għamilt s'issa".[9]

## Il-messaġġ tal-Leġġenda

Jiena persważ li, anki min se jaqra din il-Leġġenda ta' Patri Ġużè Delia SJ, għall-ewwel darba, żgur se jibqa' msaħħar bl-element uman li biha ssawret. Persważ ukoll li, se tolqot lil dak li jkun, bil-kliem fil-qasir tal-Poeta "fil-vers tas-sebgħa",[10] "bi strofi ta' erba' versi, bir-rima".[11] M'hemmx kliem żejjed bla bżonn, minkejja li t-tagħrif, l-immaġinazzjoni u anki t-tagħlima, huma espressi b'mod ċar u sempliċi, li jinftiehem minn kulħadd.

Smajtha kont għadni tfajjel,
Bejn seba' u disa' snin,
Meta ma' ħuti ċkejkna
Dwar ommi miġburin.

Fil-għaxijiet sajfija,
Fuq l-għatba f'bieb id-dar,
Kienet tgħidilna storja
Kif l-omm taf tgħid liż-żgħar.

Niftakar dawk l-istejjer
Kienu jqanqluni sħiħ,
U dejjem baqgħu f'moħħi,
Sal-lum, li bdejt nixjieħ.

Xi ħlewwa ta' introduzzjoni! X'nostalġija tat-tfulija innoċenti ta' ħafna tfal Maltin tal-imgħoddi – għal wħud mhux daqstant il-bogħod - meta fit-toroq ma kienx hemm dawk il-karozzi kollha tal-lum, it-tgeġwiġija li qed tħalli l-bniedem bla sabar. Illum, lanqas tgħoddhom fuq is-swaba ta' id waħda t-tfal, ta' "bejn seba' u disa' snin" li għandhom is-sabar joqgħodu jisimgħu storja. Illum, għandhom it-Televixin jew il-Kompjuter bi stejjer differenti: *Toy Story*, *Arthur*, *Ben 10*, *Ice Age*, eċċ. M'għandniex xi ngħidu, iż-żminijiet jinbidlu, iżda, sfortunatament qed nippruvaw nibdlu, jekk mhux inġibu fix-xejn, anki l-għola valuri li minn dejjem iddistingwew lill-Ġens Malti.

Tispikka l-figura tal-Omm, il-persuna li tgħaqqad il-familja. Ġibt quddiem għajnejja lill-Madonna, liċ-ċkejken Ġesù bilqegħda maġenbha, filwaqt li San Ġużepp, forsi waqt li qed jinċana jew isammar, jitbissem u jisma' attent dak li kienet qed tgħid l-Omm lill-Iben tagħha. Ma rridx inkun pessimist, imma għal diversi raġunijiet, illum, dawn huma xeni li aktarx insibuhom biss fl-inkwatri u sar biss parti mit-tifkiriet. L-ommijiet tal-lum, bħal missirijiet, qed jiffaċċjaw problemi ta' natura varja, li spiss, ħafna iktar minn qabel, itellfu minn dik is-serenità u paċi tant neċessarji, biex tisseddaq l-għaqda. Illum: ħassieba, kelliema, kittieba kif ukoll il-Mezzi tal-Komunikazzjoni spiss jgħidu kliem, jiktbu paġni sħaħ u juru fehmiet ambigwi. Is-Soċjetà hija bbumbardjata minn tagħrif nieqes mill-valuri morali veri, b'hekk ħafna drabi il-firda, it-tifrik tal-koppja u konsegwentement it-tħarbit u l-uġigħ tal-imsejkna wlied. Għamilt din l-enfasi kollha fuq l-Omm, anki minħabba l-fatt li fost l-argumenti attwali li qed jiġu diskussi, insibu il-kwistjoni tal-esplojtazzjoni tal-mara, mhux biss għall-għanijiet sesswali, iżda wkoll il-vjolenza, ta' kull tip u aspett. Fenomenu li, inċidentalment, kulma jmur qed jiżdied anki f'pajjiżna.

Naħseb li, għad fadlilna farka ta' Fidi u ta' Tama f'Alla, wirt il-ġenituri tagħna jew it-tagħlim li ħadna, nistgħu, b'xi mod insibu tarf tas-sitwazzjonijiet li semmejt, speċjalment jekk, għadna nafu, u lesti nsibu l-ħin biex nitolbu. Nemmen li, l-interċessjoni ta' San Ġużepp, tista' tkun determinanti. "L-umilta' u l-fiduċja li kellhom il-Madonna u San Ġużepp, xempju tal-imħabba lejn xulxin, jeħtieġ li kontinwament jixprunaw lill-familji tagħna ħalli "nħarsu 'l quddiem b'kunfidenza u kuraġġ".[12] Il-paragrafu li ġej jikkonferma il-ħsieb tiegħi dwar San Ġużepp.

Il-Psikoterapist Dr. Peter Kleponis, Ass. Direttur tas-Servizzi ta' Konsulenza Komprensiva tal-Istati Uniti, f'intervista, tkellem fuq il-virtujiet li jistgħu jgħinu lill-koppja f'każi ta' imġieba indiċenti. Dr.Kleponis, qal[13] hekk: "*The virtues that are helpful in resolving selfishness are generous self-giving to one's spouse and to children, friendship with one's spouse, self denial, gratitude, responsability, temperance, humility and much greater love for one's spouse and for the Lord that would motivate a person not to inflict further hurt and pain.*"[14] Interessanti ħafna, li ċerta Monica Wiser, wieġbet f'dan ir-rigward, u staqsiet jekk Dr.Kleponis kienx effettivament qed jiddeskrivi l-virtujiet li bihom huwa mżejjen San Ġużepp. Emmnuni jiena ma stajtx ma naqbilx mal-ħsieb tagħha, iktar u iktar mal-appell li għamlet: " Jiena nemmen bis-saħħa kollha li jekk nimxu fuq l-eżempju ta' San Ġużepp u nitolbu l-interċessjoni tiegħu, il-Knisja żgur tkun f'qagħda li tilqa' kontra l-pornografija u kontra kull forma ta' vjolenza fil-konfront tal-mara."[15]

"Hemm fuq," hekk darba ommi,
L-istorja tagħha bdiet,
"Lil hinn mill-kwiekeb bojod,
Li jiddu fis-smewwiet,

Hemm belt ta' ġmiel li jsaħħar,
Fejn jgħammru l-Qaddisin,
W eluf ta' Anġli jtiru
Ġwenħajhom imdehbin."

Niftakar ... b'ħarsti msammra
Hemm fuq, fl-ikħal tan-nir,
Ħassejt tiġri ma' ġismi
Bħal rogħda ta' tferfir.

Stħajjilt qed nisma' fuqi
L-għana tal-Anġli għaddej,
U d-daqq tal-arpi tagħhom
Jidwi fis-skiet tal-lej'.

Ommi ssoktat; leħenha
Kien ħiemed, ħelu benna.
"M'hemmx belt tħabbatha magħha,
Dil-belt jisimha l-ġenna.

It-toroq fidda u deheb
U ġawhar, id-djar tagħha,
Żmeraldi u lapislazzli
Is-swar li jduru magħha.

U l-ward li fiha jbexxaq,
Fil-ħmiemel imżewqin,
Għandu kull lewn u fwieħa
Ta' balzmu u ġiżimin.

Dawn is-seba' strofi, jitkellmu waħedhom, kif ngħidu bil-Malti, m'hemmx iktar x'wieħed jgħid. Poeżija, pura, sempliċi u mexxejja. Ir-ruħ tal-Poeta tittajjar fuq ġwenħajn il-fantasija, u twassal b'Malti ċar u li jiftiehem deskrizzjoni hekk sabiħa. Ma nkunx qed niżbalja, jekk insejħilha "divina", tal-Ġenna. Ovvjament, it-tfal ta' żmienu, ma kellhomx il-Mezzi tal-Komunikazzjoni tal-lum, għaldaqstant kienu jissaħħru jisimgħu stejjer bħal dawn.

Mill-banda l-oħra, Patri Ġużè, kellu tagħrif profond tal-Kotba Mqaddsa fejn id-deskrizzjonijiet poetiċi kważi fantasjużi ( ara Għanja tal-Għanjiet, il-Kotba tal-Għerf, is-Salmi...) huma frekwenti. Kienu mmirati biex in-nies, pjuttost injoranti, jifhmu sew il-messaġġ li l-Awtur, imnebbaħ mill-Ispirtu, ried iwasslilhom. Għalhekk, Patri Ġużè juża kliem sempliċi għall-aħħar, jirrikorri għall-kliem komuni fost it-tfal ta' żmienu, u meta juża kliem bħal "Żmeraldi u lapislazzli" ikun irid joħloq atmosfera ta' kobor li ma jafux bħalu, sens ta' xi ħaġa li ma kinux jistgħu jifhmuha, jilħquha. Wara kollox, l-iskop tal-Omm kien wieħed: li t-tfal madwarha, forsi flimkien ma dawk tal-ġara, ma jitilfux l-attenzjoni, l-interess fuq dak li kienet qed tgħid!



Dil-belt, bniha Alla għalina,
għal dawk l-erwieħ tajbin,
Li jobdu 'l ommhom dejjem,
U jħobbu lill-Bambin.

Biex tidħol, hemm bieb ċkejken;
Minnu jgħaddu l-erwieħ,
Għassies tal-bieb, San Pietru,
Bil-ktieb u bil-muftieħ.

U l-ebda ruħ ma tidħol
'Kk isimha mhux f'dal-ktieb,
Fejn hemm tal-ħajja mniżżla
L-egħmil, kull kelma u ħsieb.

Kull min itemm dil-ħajja,
F'dal-bieb itir u jmur,
M'hemmx ħliefu għad-dħul tal-ġenna,
Madwarha kemm iddur.

Erba' strofi oħra ta' introduzzjoni, għal-leġġenda/ħrafa li semmejna, taħt forma poetika. Kull nisrani huwa msejjaħ għall-Ġenna, għalkemm illum bosta huma dawk li jsostnu li minn jemmen tassew u jgħix ħajja tajba, indipendentement jekk hux nisrani jsalva imma...dan argument ieħor.

Dawn l-istrofi fakkruni fi tfuliti, meta kull nhar ta' Sibt, wara li konna ninħaslu, il-familja kollha kienet terħilha lejn il-Knisja, biex inqerru. Għadni niftakar lil ommi, dejjem l-istess kantaliena: "Qis li tgħidlu kemm ma obdejtx lil ommok lil missierek, li rrispondejt, li ma qgħadtx bravu l-iskola, li ma għamiltx il-Homework"....Ħalli ma ngħidx jaqbadni d-daħk, imma xorta nitbissem, għax dawn kienu d-dnubiet tagħna, l-istess bħalma kienu fi żmien il-Poeta tagħna. Fakkruni wkoll meta missieri kien jishar, darba f'mitt qamar, u jiena ta' sitta, seba' snin kelli l-privileġġ bħala t-tifel il-kbir, li norqod floku. Ommi kienet tapprofitta biex tisħaq miegħi ħalli kuljum ngħid tliet *Avemarijiet* qabel ma norqod – u hekk għadni nagħmel! Kienet għallmitni ħafna talb, ġakulatorji fosthom dik tal-Erba' Evanġelisti, li għadni ngħożż sal-lum u li ġietni f'moħħi, issa, hekk, jiena u naqra l-istrofa: "Biex tidħol hemm bieb ċkejken..." Isimgħuha: "L-erba' Evanġelisti tnejn ħdejn rasi, tnejn ħdejn riġlejja, ebda tentazzjoni ma tista' tersaq lejja". Wisq kont nifhem x'jiena ngħid, u biex ngħid is-sewwa, kont nibża!?! Meta kbirt, biss, fhimt x'riedet tgħidli. B'subgħajha lejn l-inkwatru ta' San Ġużepp kienet tinsisti biex ma ninsa qatt nitolbu ħalli jidħol għalija u jħarisni, jagħmilni tifel tajjeb (għax kont imqareb ħafna!). Insomma, kattret

fija d-devozzjoni lejn San Ġużepp, li sinċerament, dejjem sibt tassew ta' wens, f'kull saram li kelli. Dejjem bqajt u għadni nirrikorri lejh, għax nemmen li huwa tassew it-Tarka tagħna quddiem il-Ħallieq.

Il-Poeta, jgħaddi biex jirrakkonta fid-dettall, f'versi, il-Leġġenda li bla ebda dubju tagħti ġieħ u tfaħħar il-kobor tal-Qaddis Patrijarka Missierna San Ġużepp.

Issa, ġara li darba,
Fil-ġenna hemm fuq mistura,
Fost dawk l-erwieħ qaddisa,
Fl-hena u t-talb miġbura,

Xi anġli ftit fuq tagħhom
għajnejhom miftuħin,
Intebħu b' xi wċuh ġodda
Imħallta mat-tajbin.

Mill-mixja, mill-imġiba,
Mill-ħarsa tagħhom tbeżża',
Kellhom xeħta ta' wieħed
Minn kull qdusija mneżża'.

Tħassbu l-Anġli u 'l sħabhom,
Dlonk għarrfu b'din il-ġrajja,
Kulħadd ried b'għajnejh jara,
U ttajru qtajja', qtajja'.

U raw ... M'għandniex x'ingħidu,
Ilkoll inqatgħu sewwa;
għax ħadd ma sata' jfisser
Kif daħlu u kienu hemm ġewwa.

Nistħajjel film għaddej. L-istorja tal-omm tieħu xejra partikulari u dettaljata anki jekk b'ċerta diskrezzjoni. Fil-fatt il-Poeta jirreferi għal "Xi anġli ftit fuq tagħhom" u mhux bħalma hemm fil-ħrafa proprja "Anġli għassiesa". Naturalment, f'moħħ il-Poeta, l-omm ma tridx twerwer lit-tfal, jew tnisslilhom ħsibijiet tqal. Bħalissa qed nara l-Anġli jittajru "qtajja', qtajja'." biex jaraw isibux xi ħjiel dwar dak li kien qed iħabblilhom rashom. Jixbħu ħafna lil xi bnedmin imqarqċin iktar minn sħabhom, li għalkemm għandhom "għajnejhom miftuħin", jindunaw għall-ewwel darba bin-nies ħżiena li "ħadd ma sata' jfisser" kif daħlu fil-Ġenna u kif irnexxielhom jitħalltu "mat-tajbin." Ta' min iqis li dawn l-Anġli kienu responsabbli mill-bon'ordni fil-Ġenna, post, fejn kif tgħallimna, imorru dawk li jkunu ħabbew lill-għajrhom u għexu ħajja tajba.

U hemm fuq, għat-tieni darba,
Fil-għoli tas-smewwiet,
Mal-Qaddisin u l-Anġli,
F'ħin wieħed qam l-inkwiet.

Din l-istrofa għandha mnejn tnissel ċerta tbissima, għaliex it-ton tagħha huwa pjuttost melodrammatiku, anki jekk il-Poeta ma kellux dan il-ħsieb, u ried biss jenfasizza li l-kwiet u l-ordni li soltu jirrenjaw sovrani fil-Ġenna, ma baqgħux iktar tali. Jibqa' l-fatt li din is-sitwazzjoni, li aktar milli anomala, forsi, ma kinitx mistennija, qanqlet għagħa "Mal-Qaddisin u l-Anġli", ħarbtet ir-rutina tal-Anġli Għassiesa, avolja kienu jafu li dmirhom kienu qdewh bir-reqqa. Personalment, innutajt ċerta ironija sottili f'din l-istrofa. Donnu l-Poeta, li naturalment strofa wara strofa ried gradatament jagħti espressjoni qawwija lil kitbietu sakemm jilħaq fejn irid jasal u kellu diġà f'moħħu kif se tispiċċa l-Leġġenda, ried, forsi jizzika lill-Anġli Għassiesa li għalkemm "Għajnejhom miftuħin" jiġifieri li jippretendu li qatt mhu se jaħarbilhom xejn, xorta sabu ma wiċċhom erwieħ li żgur ma kinux daħlu mill-Bieb tal-Ġawhar.

Fl-istess ħin, Patri Ġużè, ried jagħti dimensjoni umana lill-poeżija tiegħu, u għalhekk isemmi l-għagħa li nqala' wkoll jekk dlonk jispeċifika li ma kienx gravi bħall-ewwel darba meta fil-Ġenna kienet qamet rewwixta mmexxija minn Luċifru, l-isbaħ fost l-Anġli, li kien ħadha kontra Alla. Imma, effettivament ma setax jinjora li l-għagħa qam, kif ukoll ma setax ma jgħidx li għat-tieni darba, fil-Ġenna "F'ħin wieħed qam l-inkwiet."

"Nistaqsu lil San Pietru.
Hu biss tal-bieb is-sid.
Hu biss jista' jgħidilna,
X'ifisser dat-taħwid."

San Pietru stagħġeb, tbikkem,
U ħalef darba, tnejn,
Li dawk l-uċuh ta' forka,
Ma kien jaf bihom xejn.

Żewġ strofi oħra interessanti li jnisslu żewġ ħsibijiet.

1)Il-qagħda kienet serja tabilħaqq u l-Anġli Għassiesa ħassew li ma kellhomx jerfgħu ir-responsabbiltà ta' dak li kienu indunaw bih. Jekk xejn, jiġġustifkaw ruħhom mal-Għassies Ewlieni tal-Ġenna: San Pietru. Għal darb'oħra id-dimensjoni umana tal Anġli, li għalkemm 'puri spirti', permezz tal-pinna tal-Poeta, jaħsbu u jaġixxu bħal bnedmin. Jafu li dak li raw ma kienx jiddependi minnhom, imma ta' nies responsabbli (jew le ?) ħassew li kellhom jirrikorru għand il-Kap tagħhom u jgħidulu b'kollox "Hu biss tal-bieb is-sid", "Hu biss jista' jgħidilna, x'ifisser dat-taħwid."

Fl-istess ħin, naħseb li l-Poeta, ried jgħallimna li għandna nkunu umli biżżejjed li nammettu d-dgħufija tagħna u jkollna l-kuraġġ li nħarsu 'l fuq, lejn min

tassew għandu s-setgħa fuqna: Alla. Fil-fatt, għalhekk, jiena nixtieq immur iktar lil hemm, u nistaqsi jekk il-Poeta, kellux f'moħħu li jfakkarna fil-Protettur Ewlieni tagħna San Ġużepp, ifakkarna li fil-mument diffiċli li kellu jiffaċċja hekk kif sar jaf li martu Marija kienet "saret omm b'ħidma tal-Ispirtu s-Santu"[16], tħawwad, iżda, talab lil Alla jdawwallu moħħu. Alla bgħatlu l-Anġlu tiegħu fil-ħolm u "It-tħabbira tal-Anġlu t'Alla daħħlet lil San Ġużepp fil-qofol tal-misteru tal-maternità ta' Marija".[17] Meta qam, San Ġużepp "għamel kif ordnalu l-Anġlu tal-Mulej..."[18] "laqagħha bil-misteru kollu tal-maternità tagħha; laqagħha flimkien ma' Binha li kien se jitwieled..."[19]

Aħna wkoll ngħaddu minn mumenti diffiċli, li m'għandhomx ifixklulna ħajjitna. Mela, nimxu fuq il-passi ta' San Ġużepp u nittamaw fiH: "Li tafda f'Alla ma jfissirx li kollox ikun ċar skont kif naħsbuha aħna, skont il-pjani tagħna; li tafda f'Alla jfisser li rridu ninżgħu minnha nfusna, niċħdu lilna nfusna, għaliex min tassew jagħti lilu nnifsu b'mod sħiħ lil Alla, jista' jissejjaħ 'ġust' bħal San Ġużepp, jiġifieri, li niksbu l-milja ta' ridietna meta din tkun ħaġa waħda ma dik ta' Alla."[20]

2)It-tieni ħsieb li berren ġol-garigori ta' moħħi wassalni biex nikkunsidra id-dgħufija ta' San Pietru, anki jekk "Għassies tal-bieb, San Pietru, bil-ktieb u bil-muftieħ" kif hemm fit-12-il strofa, u l-kobor ta' Alla li kollox jaf. Mhuwiex logħob bil-kliem; il-Poeta, għaraf tajjeb jagħmel din id-distinzjoni biex iwassal messaġġ li: aħna waħedna m'aħna xejn. Għalhekk irridu dejjem nafdaw f'Alla bħalma għamel San Ġużepp: "Filwaqt li afda f'Alla, Ġużeppi, qabel u kkopera bis-sħiħ għat-twettiq tal-pjan tas-salvazzjoni"[21]

Ovvjament, l-Anġli Għassiesa, jafu lil San Pietru bħala Kap, u leali lejh, marru u staqsewh kif setgħu dawk l-erwieħ jirfsu art il-Ġenna mingħajr ma ħadd rahom jidħlu. "San Pietru stagħġeb, tbikkem" bl-enfasi fuq il-kelma 'tbikkem'. Il-Poeta, żgur, ried ifisser li din id-darba San Pietru kien sinċier, anki fil-ħalfa tiegħu "Li dawk l-uċuħ ta' forka, ma kien jaf bihom xejn"; naturalment, b'riferenza għas-silta' evanġelika tat-tradiment ta' San Pietru, fil-bitħa tal-palazz tal-qassis il-kbir meta ċaħad lil Ġesù għal darba tlett darbiet.[22]

Ftiehmu għalhekk li jagħmlu
L-għassa mal-belt bil-lej',
Biex jekk xi logħob qed jiġri,
Jikxfu minn mnejn hu ġej.

Xterdu mar-rkejjen kollha,
Madwar is-swar għoljin,
U qagħdu jgħassu siekta
Fis-siġar moħbijin.

Daqq nofs il-lejl tal-ġenna ...
Kien hemm dlam ċappa u skiet.
Kien spiċċa d-daqq tal-arpi
U għanjet il-anġli ntfiet.

Tliet strofi ta' xejra purament poetika. Poeżija għolja, imma fl-istess ħin aċċessibbli għax il-Poeta ried biss ifisser l-istrateġija miftiehma bejn San Pietru u l-Anġli Għassiesa, determinati li jaqbdu l-ħati li ħoloq tant taħwid, u li bla ebda dubju, dgħajjef sew ir-reputazzjoni tagħhom. Bħallikieku riedu jiġbru ġieħhom!

F'daqqa, fuq iċ-ċint wieqaf,
Fil-għoli tal-iswar,
Fuq naħa waħda mwarrba,
Tħares lejn nofs in-nhar,

Deher bħal dell ta' bniedem,
Imleflef f'mantar skur,
Donnu qed igħin 'il wieħed
Tiela' minn barra s-sur.

Imbagħad kif ġibdu fejnu,
Niżżlu, b'sellum fil-ġenna.
U raġa' dar fuq ieħor,
Li wrajh kien qed jistenna.

Ħaseb li f'dax-xogħol moħbi,
Ma kien hemm ħadd jarah,
għax kulfejn timrah ħarstu,
Kien kollox skiet u baħħ.

Min hu midħla jew dilettant tal-mużika, inħallih liberu jagħżel hu s-silta mużikali addattata, biex jidħol iktar fl-atmosfera ta' dawn l-istrofi deskrittivi imma wkoll mimlija immaġinazzjoni fertili li tirrifletti l-poeżija ta' Patri Ġużè Delia SJ. Il-Malti mirqum u mexxej tal-versi jagħti stampa ċara ta' xena ħajja u mqanqla mill-isbaħ, mingħajr ħafna dettalji żejda. Inġib quddiem għajnejja dawk it-tfal, b'ħalqhom miftuħ beraħ u għajnejhom ibbuzzati 'l barra, madwar l-omm li qed tirrakkonta, forsi xi kultant tbiddel ukoll leħinha (bħalma kien iħobb jagħmel Twanny Scalpello u ġieli wkoll Charles Arrigo fil-qari tar-Rumanzi) biex iżżomm l-attenzjoni tagħhom ħajja.

B'dawn l-istrofi id-drama tal-istorja li l-Poeta jrid jirrakkonta fil-Leġġenda, ħadet sura, wara li nbniet bil-mod il-mod, sakemm min hawn u ftit ieħor tilħaq il-qawwa espressiva kollha tagħha.

Dettal mhux ta' min iwarrbu huwa, kif min ikun irid jagħmel xi ħaġa bil-moħbi dejjem jipprova jara li ma jinqabadx. Iżda, xi minn daqqiet, iż-żelu li jkollu, minħabba li dik il-ħaġa li jkun qed jagħmel għandha għanijiet tajbin, mhux dejjem jagħti kas. Patri Ġużè, għandu ħiliet sottili, ta' raħli li hu, mis-Siġġiewi,

raħal mogħni bi storja kbira, li tmur lura sekli, li kienet parti mit-tiswir tal-istorja ta' pajjiżna. Jaf, b'dik id-daqqa ta' pinna, jorqom il-kif u l-*come* ta' aġir dak "...id-dell ta' bniedem, imleflef f'mantar skur" li ma jridx li b'għemilu ikun jaf ħaddieħor u għalhekk jaġixxi fis-satra tal-lejl "Għax kulfejn timraħ ħarstu, kien kollox skiet u baħħ."



F'dawn l-istrofi nħoss ukoll li l-Poeta, forsi b'mod mhux daqstant apparixxenti, ried jagħtina l-ewwel ħjiel dirett fuq San Ġużepp. Għalkemm il-figura jew aħjar id-"dell ta' bniedem" għadha mistura, diġà tidher il-qalb kbira ta' San Ġużepp, il-mibgħut sieket u ħiemed tal-Missier Etern, lest dejjem jgħin u jħenn speċjalment għal min jirrikorri għandu "għax il-qalb turi x'inhu jew x'inhi dak il-bniedem jew dik il-bniedma."[23] Għalija il-ħjiel f'dawn l-istrofi huwa ċar: id-"dell ta' bniedem, imleflef f'mantar skur" mhux għajr San Ġużepp li "kien bniedem bla pretensjoni. Lanqas kellu proġetti u ambizzjonijiet personali, għalih il-flus ta' ħajtu, il-qadi tal-oħrajn fil-ħajja moħbija..."[24]

Ta' min jinnota wkoll id-deskrizzjoni dettaljata ta' din iż-żona partikolari tal-Ġenna; inħawi tipikament Maltin: biċ-ċint u s-swar, anki jekk dawn tal-aħħar insibuhom ukoll f'pajjiżi oħrajn, l-aktar fejn xi darba jew oħra għammru l-Kavallieri ta' San Ġwann/ta' Malta. Ma setax ikun altrimenti, għaliex Patri Ġużè Delia SJ., kien iħobb ħafna lill-Art twelidu u dak kollu li jiddistingwi lil Malta tagħna minn pajjiżi oħrajn.

Rilevanti ix-xena tas-sellum, l-uniku mezz disponibbli, biex l-erwieħ jinżlu u jirfsu l-art tal-Ġenna. Fakkritni f'xeni li spiss konna naraw snin ilu, meta ċittadini mill-Ġermanja tal-Lvant kienu jixxabbtu, fis-satra tal-lejl, mal-ħajt ta' Berlin, u mgħejjuna, b'sogru kbir għall-ħajjithom, minn qrabathom, kienu jippruvaw jidħlu bil-moħbi, fil-Ġermanja tal-Punent. Fl-istess ħin, apparti li s-sellum huwa element rikorrenti fl-Iskrittura, f'din l-istrofa jista' jitqies ukoll bħala dettall ċkejken, biex l-omm setgħet tfiehem lit-tfal kif dawk l-erwieħ setgħu jinżlu minn dak l-għoli u jidħlu fil-Ġenna.

Imma, ftit bogħod, fis-siġar,
Kien hemm l-Anġli moħbija,
Raw kollox ... W issa fehmu
Min kien ta' kollox ħtija.

"Min hu," staqsew, "minn fostna
Li għandu stonku u ħila,
Idaħħal nies ġol-ġenna
Ta' xejra hekk qalila?"

Il-Poeta tal-Leġġendi, ried ikompli joħloq stennija, qabel ma jirrakkonta x'ġara tabilħaqq! Jisħaq kif l-Anġli Għassiesa, moħbija qalb is-siġar "Raw kollox...W issa fehmu min kien ta' kollox il-ħtija" iżda, fil-fatt, kienu għadhom ma jafux min hu. Mhux talli hekk, talli bdew jaħsbu li kien xi ħadd minn fosthom stess "...minn fostna li għandu stonku u ħila idaħħal nies ġol-ġenna". Interessanti, kif Patri Ġużè, jiddeskrivi dawn l-erwieħ "uċuħ ġodda" fil-bidu, "uċuħ ta' forka" f'fomm San Pietru u issa "ta' xejra hekk qalila."

Żgur li l-Patri Ġiżwita, b'dawn l-aġġettivi, bl-ebda mod ma ried itappan l-interċessjoni ta' San Ġużepp mad-devoti tiegħu, huma min huma, għamlu x'għamlu. Anzi, fl-opinjoni tiegħi ried juri l-qalb kbira ta' San Ġużepp, li Alla stess għażlu minn fost "bosta u bosta rwieħ mogħnijin b'laqtiet mill-aqwa u mill-isbaħ ta' virtù."[25] Fil-kitba tiegħu, l-istess Costantino Magri, jagħmel referenza ċara, anki jekk f'kuntest ieħor, għal San Ġużepp meta jikkwota dak li Alla qal lil Samuel: "tħarisx lejn is-sura tiegħu jew it-tul ta' persuntu, għax jien diġà warrabtu. Għax il-Mulej ma jarax bħalma jara l-bniedem, dak li jidher biss fl-għajn, imma l-qalb..."[26] Dan ifisser li San Ġużepp kien magħżul minn Alla sa minn qabel iż-żminijiet għalhekk nisthajjel lill-Poeta jċanfar u jgħid: Min intom (lilna, ovvjament), u int San Pietru, u intom Anġli Għassiesa, biex tiġġudikaw?

Ferfru ġwenħajhom l-Anġli,
U għemżu lil xulxin,
Kif l-Anġli jafu jegħmżu
B'sinjal ta' xi ftehim.

Ukoll dlonk qatta' waħda
Taru għal fuq is-sur,
U jaqbdu u jaħtfu 'l-ħati
Imleflef f'mantar skur.

Jikxfulu wiċċu mgħotti,
Biex jikxfu dan min kien,
U kesħu l-Anġli u tbikkmu,
"Oh!" għajtu lkoll flimkien.

Filwaqt li nipprova nisma' qalb dawk it-tfal ċkejknin, tħabbat sitta sitta, din id-darba, ngħidilkom jien x'silta mużikali tagħżlu: *La Cavalcata delle Walchirie* ta' R.Wagner! L-azzjoni organizzata u miftiehmha tal-Anġli Għassiesa, m'hijiex għajr titjira ta' attakk (*Blitz*?!?) għal fuq il-post fejn kienu lemħu dak id-"dell ta' bniedem, imleflef f'mantar skur". Kienu ħerqana biex "jikxfulu wiċċu mgħotti, biex jikxfu dan min kien". Xena mill-isbaħ, ħajja u drammatika li tnissel ukoll ċerta ansjetà, l-aktar meta jitqies li l-Anġli Għassiesa żgur qatt ma setgħu jobsru min kien il-veru ħati! Għalhekk "...kesħu l-anġli u tbikkmu, Oh! Għajtu lkoll flimkien". Għal darb'oħra sfaw vittmi tas-suppervja tagħhom!

Kien San Ġużepp il-ħati,
Ir-raġel ta' Marija,
Mogħni b'setgħat is-sema,
B'kull barka u b'kull qdusija.

Din l-istrofa slittha waħedha, għaliex fiha hemm miġburin il-kobor u s-setgħa qawwija ta' San Ġużepp, mogħtija lilu minn fuq "Mogħni b'setgħat is-sema, b'kull barka u b'kull qdusija". Tant hu hekk li l-Poeta jagħti lill-Qaddis Patrun tagħna l-ogħla ġieħ u t-titlu li l-aktar jistħoqqlu: San Ġużepp! Iżda, fuq kollox, żgur li mhux ta' b'xejn il-Poeta għamel din l-enfasi: għax, għalkemm hu l-ħati, San Ġużepp huwa "Ir-raġel ta' Marija". Fuq dan il-vers, nista' nikteb id-doppju tal-paġni li ktibt s'issa, imma ħa nesprimi biss żewġ ħsibijiet.

Diġà fil-ħolm "L-Anġlu jkellem lil Ġużeppi bħala l-Għarus ta' Marija', bħala dak li meta jasal il-waqt, kellu jagħti l-isem lil dak li kellu jitwieled mix-xebba ta' Nazaret, li kienet mgħarrsa miegħu".[27] Fit-tieni panew tal-Funtana ddedikata lil San Ġużepp fil-Ġonna tal-Vatikan,[28] hemm skolpita proprju l-ħolma ta' San Ġużepp u l-Papa Beneditt XVI, jagħmilha ċara "Dan l-intervent divin fil-ħajja tiegħu (ta' San Ġużepp) ma setax ikun ta' tfixkil għalih".[29] Għas-saħħa tal-argument, meta fid-deskrizzjoni tiegħu tal-panewijiet tal-Funtana, beda biex jitkellem fuq l-ewwel wieħed, li juri iż-Żwieġ bejn Marija u Ġużeppi, il-Papa qal: "Hija ġrajja ta' importanza kbira. Nisel Ġużeppi kien mir-Re David, u permezz taż-Żwieġ tiegħu ma' Marija, kellu jkun hu li jgħaddi lill-Iben ix-Xebba – lil Iben Alla – l-isem legali ta' 'Bin David,' biex b'hekk iseħħu l-Profeziji".[30]

Għal ftit infixlu u tħawdu
Tas-sema dawk l-erwieħ.
U ltaqgħu biex bejniethom
Jaraw x'ser jagħmlu bih.

Qatgħuha li 'l Ġużeppi
Malajr ġuri jgħadduh
Biex skont il-ħaqq u s-sewwa,
Dak li jistħoqqlu jtuh.

U deher Ġużeppi ġwejjed,
Quddiem dawk l-Imħallfin.
Kien hemm San Pawl, San Pietru ...
U Anġli u Qaddisin.

Semgħu tal-Anġli x-xilja
U x-xhud għal wieħed, tnejn.
L-erwieħ li ġew imniżżla,
Minn fuq il-ħajt bil-lejl.

Inħoss li anki f'din l-okkażjoni, il-Poeta, kixef il-bixra pjuttost umana tar-rakkont tiegħu.

L-ewwel jibda biex jikteb dwar il-fixla tal-Anġli Għassiesa li miblugħin ma kinux jafu x'se jaqbdu jagħmlu u mill-oħra is-sens ta' ġustizzja li huma kienu trawmu fih u riedu juru li minn Alla 'l isfel kulħadd xorta. Mingħajr ma nidħol fil-mertu tal-ġenwinità tal-Anġli Għassiesa, li "Għal ftit infixlu u tħawdu", ċertament, il-Poeta ried ifisser kif il-bniedem, fosthom dawk ta' pożizzjoni għolja, dawk li jħossuhom li qegħdin 'hemm fuq!' biex jaqtgħu is-sentenzi, mhux dejjem jaġixxu skont il-ġustizzja, għax mhux dejjem jgħarrfu jiddistingwu bejn ċirkustanza u oħra, is-sitwazzjoni vera. Spiss, il-konklużjonijiet li jaslu għalihom, jista' jkollhom ħjiel ta' ipokrezija u għalhekk, jiddeċiedu għal għajn in-nies, f'isem il-ġustizzja. Liema ġustizzja, nistaqsi jiena? Fi żmien ir-Rivoluzzjoni Franċiża (1789-1799), Charlotte de Corday d'Armont, li qatlet lil rivoluzzjonarju ewlieni Jean Paul Marat (1743-1793) kienet konvinta li kienet għamlet ħaqq f'isem sħabha ir-rivoluzzjonarji: "jiena qtilt raġel, biex neħles mitt elf".[31]

Fit-tieni parti, il-Poeta, joħloq xena bħallikieku f'awla fil-Qorti, fejn insibu lill-mixli, lill-Imħallfin, l-Anġli Għassiesa li kienu qed jippreżentaw "ix-xilja" u naturalment ix-xhieda "l-erwieħ li ġew imniżżla, minn fuq il-ħajt bil-lejl". Ta' min jgħid li l-Poeta, ħalla lill-fantasija tiġri bih, għalkemm jaf tajjeb li fil-Ġenna, Alla biss jiddeċiedi u jiġġudika. Imma, għiduli, kif seta' jfisser lil dawk iċ-ċkejknin ma djul ommhom, li kull min jagħmel xi ħaġa barra minn lokha irid jingħata dak li ħaqqu, wara li jitqiesu l-kunsiderazzjonijiet kollha? It-tfal, forsi, lanqas biss kienu jafu x'inhi Qorti. U għalhekk, Patri Ġużè, ma tax wisq dettalji, l-essenzjal biss.

Laqatni partikolarment il-vers "U deher Ġużeppi

ġwejjed". San Ġużepp ma kellu x'jaħbi. Kien trankwill, kalm. Kien jaf sewwa li dak li għamel m'għamlux għalih, għall-interessi tiegħu. Ma beżax jidher quddiem dawk l-Imħallfin, li fosthom "Kien hemm San Pawl..." Tgħid il-laqta' Maltija, minn Poeta Malti? Forsi, imma jista' jkun ukoll, għaliex it-tfal iktar kienu jafu b'San Pawl milli b'San Pietru u l-bqija....

Imbagħad tkellem Ġużeppi,
Bla ħabi u bla taħwid:
"Hu minnu kulma smajtu
U m' għandi xejn x' inżid.

Biss kulma għamilt, għamiltu,
Għax dawn l-erwieħ ħabbewni,
U dejjem l-ikbar qima
F'ħajjithom fl-art urewni.

Fil-mewt ridt inpattilhom,
U ridt inġibhom miegħi,
Għax qatt għadu ma nstama'
Li ntilef devot tiegħi.

Issa nħalli f idejkom
Agħmlu li tridu bija.
Dejjem ħabbejt is-sewwa
U naf li għandi ħtija."

Jiena u naqra dawn l-istrofi, ġismi qam xewk xewk, qabbduni l-bard. X'umiltà! X'sinċerità! Xi ħlewwa ta' kliem minn fomm dan il-bniedem Qaddis! X'kontemplazzjoni għolja dan l-egħmil tiegħu! X'sura ta' ruħ kellu dan il-bniedem! "Ġużeppi hu xbieha ta' dawk iż-żgħar kollha li l-fidi nisranija wasslithom għall-ogħla ġieħ...u prova ta' dan hu li, biex bniedem ikun bniedem tajjeb u veru dixxiplu ta' Kristu, m'hemmx għalfejn jagħmel 'ħwejjeġ kbar', imma biss li jkollu dawk il-virtujiet sempliċi li jista' jkollu bniedem basta jkunu virtujiet tassew u sodi".[32] Il-Missier Putattiv tal-Feddej, juri kemm hu bniedem ħanin u fuq kollox ġust, speċjalment mad-devoti tiegħu " Fil-mewt ridt inpattilhom" u mhux biss jisħaq "U ridt inġibhom miegħi" imma żgur li ma jridx jonqos mill-wegħda li għamlilhom meta rrikorrew lejh u talbuh ħerqana "Għax qatt ma nstama' li ntilef devot tiegħi". Persważ, li Patri Ġużè, f'dan il-vers għamel tiegħu il-kliem tat-Talba ta' San Bernard lil Madonna.

San Ġużepp, fi kliem il-Poeta, jisħaq li "Dejjem ħabbejt is-sewwa" u ma setax ikun altrimenti għaliex f'ħajtu dejjem kellu "l-kuraġġ li joqgħod għar-rieda t'Alla u jiċċaħħad mil-libertà tiegħu".[33]

Hawn l-Imħallfin bejniethom,
Tkellmu minn taħt l-lsien,
Kulħadd bħal donnu tħawwad,
Kulħadd bħal deher ħosbien.

Sa fl-aħħar donnhom ftiehmu
U raġa' waqa' s-skiet,
U jqum San Pietru fosthom,
Biex jgħid l-aħħar kelmiet.

Il-provi lkoll smajtuhom,
Ix-xhieda u l-mixli wkoll.
Li San Ġużepp hu ħati,
Narawh biċ-ċar, ilkoll.

Il-liġi għal kulħadd waħda,
Mal-ħtija tiġi l-piena.
Il-ħaqq dan jitlob minna
U l-ħaqq ma jafx bi ħniena.

Għalhekk illum qtajniha
Li San Ġużepp minn magħna
Jitlaq u jħalli l-ġenna,
Din hi s-sentenza tagħna."

San Ġużepp, bi kliemu, ħasad lil kulħadd, fixkilhom "Kulħadd bħal donnu tħawwad, kulħadd bħal deher ħosbien". Apparti li wieħed ma jridx jinsa kliem il-Poeta meta dwar San Ġużepp kiteb: "Mogħni b'setgħat is-sema...", l-Imħallfin ġew bejn ħaltejn x'se jaqbdu jagħmlu, x'deċiżjoni kellhom jieħdu. Madankollu waslu għas-sentenza: il-ġustizzja



tal-bnedmin(sic!) u f'isem il-ħaqq u s-sewwa għax "...il-ħaqq ma jafx bi ħniena" qatgħuha li jkeċċu lil San Ġużepp mill-Ġenna. Daqqa ta' pinna...ħej! kif jgħid il-Malti.

"U deher Ġużeppi ġwejjed, quddiem dawk l-Imħallfin" Il-Poeta, ried joħloq kuntrast ċar bejn il-ġustizzja tal-bnedmin: aqra Anġli u Qaddisin, li kienu diġà għoddhom qatgħu is-sentenza qabel ma bdew il-ġuri, u l-Ġustizzja divina. Il-bnedmin jimxu *by the book*, Alla bil-ħniena u b'imħabba. Il-bnedmin mhux lesti jagħtu ċans, Alla jaħfer u jilqa' għandu 'l midneb, anki l-iktar wieħed ta' qattgħani "Tassew ngħidlek, illum tkun fil-Ġenna miegħi."[34] Il-bnedmin l-aqwa li jsalvaw ġildhom u jidhru ħelwin mal-kotra, Alla li wasal anki biex jumilja ruħu u jsir bniedem bħalna permezz ta' Ibnu l-Waħdieni, irid is-salvazzjoni tal-Ġens Uman, u hekk lest jagħmel sal-aħħar jum tad-dinja (żgur mhux fl-2012...).

Siket. U lejn Ġużeppi,
Kulħadd dawwar għajnejh;
Hu dejjem ħiemed, ġwejjed,
Kien wieqaf fuq riġlejh.

Imbagħad fetaħ kemm fommu,
U tkellem b' leħen sħiħ:
'Jekk dan titlob it-liġi,
Jien nitlaq minnufiħ.

Imma jekk nitlaq jiena,
Irrid 'il marti miegħi.
Irrid ukoll 'il ibni,
Għax dak hu b'liġi tiegħi."

San Pietru, "Siket", jgħidilna l-Poeta. Huwa dak is-skiet mhux komuni li, ħafna drabi, tkun tista' taqtgħu b'sikkina, kif jgħid il-Malti, għax dak li ġej wara żgur huwa aqwa minnu. Is-skiet ta' San Pietru, f'dan il-kuntest, jista' jkollu tifsiriet differenti. "Siket" għax ma kellux iktar xi jgħid; "Siket" għax, forsi, ħass li ma xtaqx jżid kelma oħra li setgħet tkun żejda, u anki tweġġa'; "Siket" għax intebaħ li dak li kien għadu kemm qal, għalkemm kellu ċerta gravità, ma kienx, forsi, daqshekk interessanti u importanti, daqs it-tweġiba li kulħadd kien qed jistenna mingħand San Ġużepp.

Fil-fatt "Kulħadd dawwar għajnejh" lejn San Ġużepp li, qagħad jisma' s-sentenza "...ħiemed, ġwejjed" mingħajr teptipa waħda ta' għajnejh, bl-akbar dinjità "Kien wieqaf fuq riġlejh" atteġġjament li jfisser ukoll ir-rispett li kellu lejn dawk li kienu qed jiġġudikawh. Dak ir-rispett li dejjem wera tul ħajtu, anki lejn dawk li ġiegħluh isofri. Rispett li fi żmienna...spiċċa! ma jeżistix!

"Imbagħad fetaħ fommu" vers determinanti li jwassal lil-Leġġenda tilħaq il-qawwa espressiva tagħha kollha. Vers, li ma jnaqqas xejn mill-umiltà tal-Qaddis Patrijarka, dment li ngħata l-possibiltà li jwieġeb. Ta' bniedem ġust li kien, u responsabbli lejn il-Familja li kienet ġiet fdata lilu "Tkellem b'leħen sħiħ" jiġifieri: deċiż u mingħajr tlaqliq. Ta' bniedem ubbidjenti li kien, aċċetta l-verdett, għax hekk kienet titlob il-liġi, anki jekk ta' min jifli sew il-vers fejn San Ġużepp jgħid " 'Jekk dan titlob il-liġi". M'għandux dubji, ovvjament, San Ġużepp, imma l-Poeta xorta ried qisu jagħti l-aħħar ċans lill-Imħallfin biex, forsi, jerġgħu jirrevedu il-verdett tagħhom. Hekk kif wieħed jaqra sewwa anki l-versi ta' qabel, l-aktar dawk li jirreferu għad-deliberazzjoni tal-Imħallfin, il-Poeta, donnu jrid jagħti ħjiel, li huma tant kienu mifxulin li 'għaġġlu' biex jaqtgħu is-sentenza, sabu f'idejhom patata taħraq, u riedu jiddisponu minnha bla dewmien! Iżda, il-bomba, kienet għadha ma faqqgħetx! Ħadd ma kien għadu jaf x'ġej!

San Ġużepp, anki jekk bi prudenza kbira, għamilha ċara u tonda li "Imma jekk nitlaq jiena" kien se jieħu miegħu lill-martu, il-Verġni Marija u naturalment lill-Ibnu Ġesù "Għax dak hu b'liġi tiegħi". X'dikjarazzjoni qawwija ħarġet minn fomm San Ġużepp, li tikkonferma li hu tassew "Ir-raġel ta' Marija" li "skont il-liġi kienet martu"[35] u fuq kollox Missier l-Iben ta' Alla "Għalhekk l-Anġlu jdur fuq Ġużeppi u jafdalu d-dmir ta' Missier fuq l-art għal Iben Marija"[36]. San Ġużepp, ifakkar lill-Imħallfin li ż-żwieġ tiegħu ma' Marija kien żwieġ tassew "ġrajja ta' din id-dinja" skont Papa Beneditt XVI " imma determinanti fl-istorja tal-Fidwa...minkejja l-bixra sopranaturali li, iż-żewġ protagonisti mill-ewwel laqgħu b'umiltà u fiduċja f'xulxin".[37]

Faqqgħu donnhom sajjetta
Ta' San Ġużepp il-kliem,
U Pietru ħa nifs qawwi,
U tkellem minn quddiem:

"Le, qatt ma jkun li minna,
Jitbiegħdu minn ġol-ġenna,
Ġesù u Marija, Ommna,
Fejn qalbna biss tithenna.

Ibqa', Ġużeppi, ibqa',
Kulma għedna tqisu xej'.
Aħfrilna talli nqasna,
F'ġieħ l-isem tal-Mulej."

Kliem San Ġużepp mess il-fond ta' qalb San Pietru: "U Pietru ħa nifs qawwi", u kif! Għaliex xi skop għandha l-Ġenna mingħajr "Ġesù u Marija, Ommna, fejn qalbna tithenna". Iktar minn hekk, San Pietru kien jaf tajjeb li wara Ġesù u Marija, San Ġużepp kien

l-iktar wieħed importanti u meħtieġ, speċjalment, għad-devoti tiegħu, imma mhux biss. Il-Beata Marija Adeodata Pisani OSB, waqt li tfakkar il-Festa tat-Tieġ tal-Imqaddsa Marija mal-Għarus tagħha San Ġużepp[38] kitbet: "...irridu ngħixu fiduċjużi fit-tjubija ta' dan il-Protettur li lilu, wara Ġesù u Marija, nafu kull ġid tagħna, u speċjalment is-safa' tal-qalb"[39]

Kliem San Ġużepp, fixkel kompletament u ħawwad iktar lil San Pietru. M'hemmx persuna umana daqsu, fil-Leġġenda kollha, jegħleb anki l-fantasija poetika, li l-Awtur sawwar biha il-leġġenda tiegħu. Wara kollox, l-Evanġelisti wkoll, ma naqsux jenfasizzaw l-umanità ta' San Pietru, li minkejja d-dgħufija tiegħu intgħażel minn Kristu stess biex imexxi l-Knisja Tiegħu. L-umanità ta' San Pietru ma tispikkax biss fid-deċiżjoni għal darb oħra 'mgħaġġla', iżda wkoll mill-fatt li jitlob maħfra, anki f'isem sħabu "Aħfrilna talli nqasna," lil San Ġużepp.

Tbissem Ġużeppi u wieġeb:
"Nibqa'; imma wegħduni,
Li biex lill-ħbiebi ngħinhom,
Hemm fuq is-sur tħalluni."

Kulħadd qal iva, u wettaq
Bil-ħalfa kulma tenna...
W għadu sa llum Ġużeppi,
Bil-lejl, fuq swar il-ġenna,

Italla' u jgħin u jdaħħal
Lil ħbiebu li fit-talb,
Dejjem fittxew għajnuntu,
Dejjem semmewh bil-qalb.

Il-Poeta f'dawn l-istrofi ried jurina l-għerf ta' San Ġużepp, don ieħor li kellu dan il-Qaddis, li kien ukoll għaqli f'imġibtu. Xi wħud jistgħu jiddeskrivuh bħala makkak, bit-tweġibiet li ta u bil-kundizzjonijiet li għamel biex seta' kiseb dak li ried. Imma, barra li kif diġà għidna San Ġużepp kien Missier il-Familja Mqaddsa, bid-dmir sagrosant li jindukraha, kellu wkoll iżomm il-wegħdi li għamel lid-devoti tiegħu, Għalhekk il-versi "W għadu sa llum Ġużeppi" forsi mhux iktar fuq s-swar tal-Ġenna, kif isostni l-Poeta, imma, dejjem lest jilqa' fi ħdanu 'l dawk kollha li jħobbuh, u li jitolbuh.

Żgur hemm ħafna xi tgħid dwar dan. Imma għażilt li naqsam magħkom talba qasira dwaru, minn ktejjeb li ġie f'idejja m'ilux. It-talba tgħid hekk:" O Ġużeppi, int tajjeb fuq li tajjeb, ħajtek kienet waħda mill-aqwa u għalhekk issa tinsab flimkien mal-Qaddisin fil-glorja tal-Ġenna. Qaddes lil dawk kollha li fedelment iqimuk u jagħtuk ġieħ."[40]

"Għaliex", w'hawnhekk l-istorja,
Ommi ġiebet fit-tmiem.
"Lil San Ġużepp min jitlob,
Hu żgur li jmut fis-sliem."

Għax qatt ma nstama' darba
Li min fil-bżonn dar lejh,
Baqa' miċħud minn ħnientu
U safa' b'xejn f'idejh."

Il-Poeta, b'dawn iż-żewġ strofi, itemm il-Leġġenda brillanti tiegħu, li għandha wkoll xeħta spiritwali li tixhed l-imħabba u d-devozzjoni kbira li huwa kellu lejn San Ġużepp, Patrun u Protettur tiegħu u li tiegħu kien iġib ismu. Imma għal darb'oħra, għall-aħħar darba f'din il-Leġġenda isemmi lill-Ommu l-għażiża u jqiegħed fuq fommha l-istedina lit-tfal, u indirettament lilna, biex jitolbu b'ħeġġa lil San Ġużepp, għax min jirrikorri lejn dan il-Qaddis Kbir "Hu żgur li jmut fis-sliem". Patri Ġużè Delia SJ, bi kliem ieħor, jerġa' jfakkar u jagħmel enfasi fuq dak li diġà qal dwar l-interċessjoni tal-Qaddis Patrijarka u Patrun tal-Knisja Universali.

Mingħajr ma nkun retoriku, nixtieq intemm dan l-artiklu (twil, iva, u għalhekk nitlobkom taħfruli!) b'appell, biex fuq l-eżempju anki ta' tant Papiet u studjużi, kif ukoll skont it-tagħlim li writna mill-għeżiez Ġenituri tagħna, inkomplu nitolbu lil San Ġużepp, u nġiegħlu lil uliedna jitolbuh, filwaqt li nxerrdu d-devozzjoni lejh f'kull fejn inkunu.

Għalhekk, niftakru f'dak li qal il-Qaddis Papa Ġwann Pawlu II, u ma ninsew qatt li "Il-figura ta' San Ġużepp hija ta' ġid kbir fi żmienna għall-Knisja nisranija....Il-Knisja titlob il-patroċinju ta' San Ġużepp għax-xewqa kbira li għandha li ssaħħaħ il-ħajja tagħha ta' dejjem u ġġeddidha permezz ta' dawk il-virtujiet evanġeliċi li jiddu f'San Ġużepp.... Il-Feddej ta bidu għall-opra tas-salvazzjoni miż-żwieġ qaddis tal-Verġni Marija ma' San Ġużepp, żwieġ li fih dehret ir-rieda t'Alla li jista' kollox li jsaffi u jqaddes il-familja li hi s-santwarju tal-imħabba u l-benniena tal-ħajja..."[41]

Nafdaw dejjem f'San Ġużepp u nikkonkludu b'dak li kiteb il-Papa Beneditt XVI: "Għall-interċessjoni tiegħu nafda it-tamiet tal-Knisja u tad-dinja. Jalla, San Ġużepp flimkien mal-Verġni Marija, martu, imexxi dejjem lili u lilkom, ħalli nkunu strumenti ħajjin biex tinkiseb il-paċi u s-salvazzjoni."[42]

**Riferenzi**


1 Is-Sur J.M.Cassar, wara l-Istorja tal-Fratellanza, temm il-ktieb tiegħu b' din il-Leġġenda.

2 Attard, E.F., 2010, *Il-Leġġenda ta' San Ġużepp – Patri Ġużè Delia S.J.*, f' Festa San Ġużepp 2010, Każin San Ġużepp Banda De Rohan A.D.1860, Edizzjoni Speċjali 150 Anniversarju-Omm il-Baned

3 MALTA WHO'S WHO, 1967; GALEA, M., 1995, *Dizzjunarju ta' Kittieba Maltin u Għawdxin – il-bieraħ u llum*; Inguanez, J., 2000, *Ġrajjiet Malta fl-Imgħoddi*; Schiavone, M.J., 2009,

*Dictionary of Maltese Biographies*, v.I.

4 Skont il-kittieb M.Galea, id-data tal-mewt hija 4 ta' Ottubru 1980: ara Galea, M., *l-istess*.

5 Vella Zarb, T., 2006, *Leġġendi ta' Patri Ġużè Delia*. *Il-lista ta' dawn il-Leġġendi inġabret mill-istess awtur u instiltet mill-*website* tal-istess awtur: *www.vella-zarb.com*.

6 Galea, L., 2001, *Delia: il-Bniedem, ir-Reliġjuż, il-Poeta*, diskors inawgurali fl-okkażjoni tal-kxif tal-Monument f'ġieħ P.Ġ.Delia SJ, fis-Siġġiewi, nhar l-1 ta' Novembru 2001.

7 Attard, E.F., *l-istess*.

8 Isem fittizju ta' kategorija ta' Anġli.

9 Vella Zarb, T., *l-istess*. *L-Awtur kiteb din il-ħrafa bl-Ingliż, imma jiena ħsibt li kien aħjar naqlibha għall-Malti.

10 Attard, E.F., *l-istess*.

11 Galea, L., *l-istess*.

12 Papa Beneditt XVI, Kelmtejn qabel ir-reċta tal-*Angelus*. Il-Ħadd 19 ta' Diċembru 2010.

13 Ħallejt il-kitba bl-Ingliż apposta biex ma jintilef xejn minn dak li qal Dr.Kleponis.

14 Kleponis, P., 2010, *What to Do About Pornography*, intervista minn ZENIT, 24/6/2010

15 *Ittra* minn Monica Wiser lil ZENIT, 3/7/2010

16 *Mt* 1,18

17 Ġwann Pawlu II, 1989, *Il-Persuna u l-Missjoni ta' San Ġużepp fil-ħajja ta' Kristu u tal-Knisja*, Eżortazzjoni Appostolika, 15 ta' Awwissu 1989.

18 *Mt* 1, 24

19 Ġwann Pawlu II, *l-istess*.

20 Papa Beneditt XVI, 2010, *Riflessjoni fuq San Ġużepp*, Diskors inawgurali fl-okkażjoni tat-tberik tal-Funtana dedikata lil San Ġużepp, fil-ġonna tal-Vatikan. 6 ta' Lulju 2010. *Il-Funtana ġiet regalata lill-Papa mill-Uffiċċju tal-Gvernatur tal-Belt Stat tal-Vatikan.

21 *L-istess*.

22 *Mk* 14, 68-72

23 Magri, C., 2010, *Il-Mibgħut Sieket u Ħiemed tal-Missier Etern*, f'Festa San Ġużepp – Kirkop, Lulju 2010.

24 Vella, D., 2010, *Kif inħares lejn il-Qaddis Patrijarka San Ġużepp*, f'Festa San Ġużepp – Kirkop, Lulju 2010.

25 Magri, C., *l-istess*.

26 *Sam* I - 16,7, f'*l-istess*.

27 Ġwann Pawlu II, *l-istess*.

28 Ara n.18

29 *L-istess*

30 *L-istess*

31 Bredin, J.D., 2006, *"On ne meurt qu'une fois..." Charlotte Corday*.

32 Pawlu VI, *Diskors*, 19 ta' Marzu 1969

33 *L-istess*.

34 *Lq* 23, 43

35 Ġwann Pawlu II, *l-istess*.

36 *L-istess*.

37 Beneditt XVI, *l-istess*.

38 Festa li f'xi postijiet kient issir f'Jannar

39 Pisani, M.A., 1836, *Ġnien Mistiku tar-ruħ li tħobb lil Ġesù u lil Marija, 15 ta' Awwissu 1835 – 3 ta' Mejju 1843*, 23 ta' Jannar 1836. *maqlub għall-Malti mill-W.R.Mons.G.B.Gauci(1996). Ara wkoll il-verżjoni bl-Ingliż, maqlubha minn Dr.Sergio Portelli(2008)

40 The Essential Catholic Prayer Book, *Invocations to St.Joseph*, fi Prayers to the Holy Angels and the Saints.

41 Ġwann Pawlu II, *l-istess*, siltiet

42 Beneditt XVI, *l-istess*.